**TRIBUNAL GĦAT-TALBIET TAL-KONSUMATUR**

MALTA

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

Wara d-decizjoni datata 5 ta' Mejju, 2009

CCT/275/09

Leandros Calleja u Antonella Pace

Vs

Idea Casa

Illum 16 ta' Frar, 2012.

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' ritrattazzjoni pprezentat mis-soċjetá Idea Casa Company Limited u r-risposta ta' Leandros Calleja u Antonella Pace;

Ra l-Kap 12 u l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ikkunsidra

Illi fl-ewwel lok irid jiġi deċiż jekk ritrattazzjoni hijiex permessibbli quddiem dan it-Tribunal;

Illi harsa lejn id-diċitura tal-artiklu 811 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta mal-ewwel turik f'liema istanzi tista' ssir talba biex kawża tiġi ritrattata;

Illi jidher li l-leġiżlatur ma inkludiex provvediment għad-dritt ta' ritrattazzjoni quddiem dan it-Tribunal u għalhekk dan it-Tribunal ma jistax jidħol f'kamp li ma ġiex riservat għalih;

Illi anki lill-Tribunali oħra bħat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, ma ingħatax id-dritt mill-leġiżlatur li jistgħu isiru talbiet għal ritrattazzjoni;

Illi għalhekk dan it-Tribunal mhuwiex se jidhol fuq dak imsemmi fir-rikors u r-risposta fuq imsemmija;

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba għal ritrattazzjoni tas-soċjetá Idea Casa Company Limited, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetá rikorrenti.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, TRIQ NOFS IN-NHAR, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TEL.(+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888